MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 35/2014

Angelo Spiteri

Vs

Albert Camilleri

**It-Tribunal**

Ra l-avviz odjern li permezz tieghu l-attur talab minn ghand il-konvenut is-somma ta' elf mija u tnejn u erbghin Ewro (€1142) prezz ta' vettur Kia u r-registrazzjoni taghha liema vettura giet mibjugha lil konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn dan eccepixxa illi id-domandi attrci huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi (1) l-ftehim sar ma certu Robert Sare, (2) stante illi r-registrazzjoni tal-vettura saret kif rikjest proceduralment (3) illi l-konvenut ma agixxiex f'ismu propju izda ghan-nom ta' Kercem Ajax F.C.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda u d-dokumenti ezebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tad-9 ta' Jannar 2015 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi l-vettura giet effetivament trasferita lil konvenut li accettha fuq ismu u ha r-responsabbilita taghha f’ghajnejn il-ligi meta iffirma l-log book u accettha f’ismu.

Jidher illi l-konvenut li llum ma ghandux relazzjoni tajba ma Robert Sare ghal xi raguni ma jridx jikkopera probabilment ghal-pika.

Dan it-Tribunal jemmen il-verzjoni ta’ l-attur u ta’ Robert Sare u xejn ma jara kredibilita f’dak li xehed l-konvenut u x-xhud tieghu.

Ma jemmienx illi l-konvenut ma kienx jaf b’dak mifthiem. Kieku l-konvenut kellu xi oggezzjoni ghal dak li sehh ma kienx jintriga u jgedded f’ismu l-licenzja tal-vettura meta din ghalqet, u jhallas l-istess licenzja.

Dan it-Tribunal aktar jemmen illi l-konvenut jaf sew x’inhuma l-obbligi tieghu izda ghal xi raguni qed jaghzel li ma jhallasx.

Fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jemmen illi l-konvenut hu l-persuna li ghandu jhallas il-vettura u hadd aktar. L-ammont mitlub jirrizulta debitament pruvat.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet tal-attur, jikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma ta’ elf mija u tnejn u erbghin Ewro (€1142). Bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz. Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta’ dik l-ittra ufficjal kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------